**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TNEJN, 1 TA' DIĊEMBRU 2014 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1. Approvazzjoni Minuti Numru 33

1.1 Kien hemm tliet korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 5.3 għandha tinbidel "12 ta' Novembru" minflok "12 ta' Diċembru". Fil-paragrafu 5.4 għandha tinbidel "minn quddiem il-knisja" minflok "quddiem il-każin tal-banda". Fil-paragrafu 6.3 għandha tinbidel għal "Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-latrina jixtieq li jarma Christmas Tree li diġà għandu fejn hi talbet li jekk ikun hemm bżonn jinxtara xi dawl u tiżjin għal din is-siġra. Kien hemm qbil fuq dan. Għanda tinġabar kwotazzjoni għal siġra kbira tal-Milied artifiċjali li tiġi diskussa mas-Sindku minħabba li ma kienx fadal wisq żmien".

1.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet rigward paragrafu 4.5. Ġie deċiż li ssir laqgħa tal-bord biex jiġu shortlisted l-applikanti. Din il-laqgha għandha ssir fit-3 ta' Diċembru 2014 fl-4:00pm.

2.2 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet rigward paragrafu 6.4 jekk għaddewx 6 xhur mill-ewwel deċiżjoni. Ġie stabbilit li kienu għaddew.

2.3 Is-Sur Trevor Fenech ma qabilx ma' din id-deċiżjoni li ttiehdet f'paragrafu 6.4.

## 3 Pagamenti Numru 30

3.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Korrispondenza

4.1 Ġie innutat seminar għas-16 ta' Diċembru rigward bdil fil-guildlines għal Memo 27/2014. Ġie deċiż li jattendi s-Sur Trevor Fenech. Ġiet innutata wkoll extension fid-data tal-għeluq għall-aħħar tas-sena.

4.2 Ġiet innutata ittra minn TM rigward toroq li għadhom bla wiċċ. Ġie deċiż li niktbu lil TM rigward toroq Tal-Propostru, Baruża, u Ġojjin.

4.3 Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm approvazzjoni minn Enemalta biex titwaħħal bozza fi Triq Wigi D'Amato.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-One Way ta' Triq tal-Ibraġ. Il-Kunsill ġie infurmat li saret laqgħa bejn is-Sindku ta' San Ġwann u tas-Swieqi. Ġie deċiż li nistaqsu lil TM jekk hiex aktar aħjar jekk il-One Way issirx bil-kontra.

## 5 Affarjiet oħra

5.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet fuq is-sejħa għal Librian il-ġdid. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li s-Sindku qallu biex għalissa ma joħroġhiex.

5.2 Is-Sur Trevor Fenech fakkar rigward l-iżbir tas-siġar fi Triq il-Kampanella.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.20pm.

5.3 Is-Sur Mikhail Micallef ippreżenta kwotazzjoni għal tiżjin tal-Milied għall-pjazza. Hu ppropona li jsiru dawn it-tiżjin. Kien hemm diskussjoni. Ma kienx hemm sekondant minħabba li ż-żmien huwa tard.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-6.30pm.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm minħabba li ma kienx hemm quorum.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**